IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2025
COM(2025) 513 final

2025/0289 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lill-Istati Membri skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Bħala parti mill-pakkett dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali 2021–2027, il-leġiżlatur tal-UE stabbilixxa Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)[1] b'allokazzjoni ta' EUR 5 biljun (fi prezzijiet tal-2018; EUR 5,5 biljun fi prezzijiet kurrenti). Il-BAR huwa strument temporanju u mmirat, ibbażat fuq l-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), bil-għan li jipprovdi appoġġ rapidu lill-Istati Membri biex jiġġieldu l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, territorjali u, fejn xieraq, ambjentali negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-Istati Membri, inklużi r-reġjuni u l-komunitajiet lokali tagħhom, u s-setturi, b'mod partikolari f'dawk li ġew l-aktar milquta ħażin mill-ħruġ, u biex itaffi l-impatt negattiv relatat fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-appoġġ mir-riżerva jista' jintuża għal miżuri nazzjonali meħuda speċifikament bejn Jannar 2020 u Diċembru 2023 u li jkollhom rabta diretta mal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Ir-Regolament tal-BAR daħal fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2021.

Il-BAR kien maħsub u mfassal f'mument ta' inċertezza dwar l-iskala u l-ħeffa tal-Brexit, u l-gravità tal-impatt tiegħu fuq l-Istati Membri. Fid-dawl ta' kriżijiet urġenti oħra, il-possibbiltà ta' trasferimenti mill-BAR għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[2] (RRF) ġiet introdotta mill-koleġiżlaturi tal-UE fir-Regolament REPowerEU[3] li jemenda fost l-oħrajn ir-Regolamenti dwar l-RRF u l-BAR. F'konformità ma' dik l-emenda tal-BAR, l-Istati Membri kellhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu 2023 bi kwalunkwe intenzjoni li jittrasferixxu parti mill-allokazzjoni proviżorja jew l-allokazzjoni proviżorja kollha mill-BAR għall-kapitolu REPowerEU tal-pjan RRF tagħhom. Din il-possibbiltà ppermettiet lill-Istati Membri jiżguraw il-fondi fit-tieqa ta' investiment relatata tal-RRF.

23 minn 27 Stat Membru ppreżentaw talba motivata għat-trasferiment ta' riżorsi mill-BAR għall-pjan RRF tagħhom, li minnhom 10 Stat Membri talbu trasferiment sħiħ. L-ammont totali ta' talbiet għal trasferiment laħaq EUR 2,1 biljun, li jikkorrispondi għal 38 % tal-pakkett finanzjarju totali. L-allokazzjoni tal-BAR li jifdal kienet ta' EUR 3,4 biljun, li minnhom EUR 584 miljun (fi prezzijiet attwali) kienu previsti li jitħallsu fl-2025 mal-wasla ta' dokumentazzjoni li tattesta nefqa eliġibbli suffiċjenti.

Fl-20 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP[4] bl-għan li ssaħħaħ il-baġit fit-tul tal-UE biex iżżid ir-reżiljenza u t-tmexxija tal-Unjoni fl-aktar prijoritajiet u ħtiġijiet urġenti, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1)

2 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

3 Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63 28.2.2023, p. 1).

4 COM(2023) 337 final, 20.6.2023.

Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE, Euratom) 2024/765 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093[5] bil-kunsens tal-Parlament Ewropew għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

Skont l-Artikolu 1(5) ta' dik l-emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, ir-riżorsi massimi allokati proviżorjament tal-BAR kif previst fir-Regolament (UE) 2021/1755 tnaqqsu b'EUR 584 264 090. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni pendenti tal-BAR wara l-prefinanzjament imħallas lill-Istati Membri u t-trasferimenti lejn REPowerEU deċiżi mill-Istati Membri.

Għalhekk, jenħtieġ li jitnaqqsu r-riżorsi massimi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit kif previst fir-Regolament (UE) 2021/1755. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-riżorsi diġà mħallsa lill-Istati Membri skont il-BAR u biex jiġi evitat li tiġi pperikolata l-implimentazzjoni tal-RRF fl-Istati Membri, it-tnaqqis ma għandux jaffettwa r-riżorsi diġà mħallsa lill-Istati Membri bħala prefinanzjament u r-riżorsi li l-Istati Membri talbu li jiġu ttrasferiti lill-RRF.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 175 tat-TFUE li huwa l-bażi legali rilevanti għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti li għandhom jiġu emendati fi ħdan il-politika ta' Koeżjoni tal-UE.

Filwaqt li r-Regolament (UE) 2021/1755 huwa bbażat ukoll fuq l-Artikolu 322(1) tat-TFUE, din il-proposta ma tidderogax mill-prinċipju tal-annwalità u mir-regoli dwar ir-riport, stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] u għalhekk il-proposta ma għandhiex għalfejn tirreferi għal dik id-dispożizzjoni tat-Trattat bħala l-bażi legali addizzjonali tagħha.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li taffettwa biss id-dispożizzjonijiet baġitarji tar-Regolament li se jiġi emendat, mhux il-kamp ta' applikazzjoni, l-objettiv jew il-mod ta' implimentazzjoni tiegħu.

• Proporzjonalità

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-TUE, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-UE ma għandhomx jaqbżu dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati. Din il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li hija limitata għal bidliet strettament meħtieġa biex jingħata effett lill-emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 fl-att bażiku li jirregola r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

---

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024).

6 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 2024/2509 26.9.2024).

- **Għażla tal-istrument**

Ir-Regolament dwar il-BAR imsemmi hawn fuq għandu jiġi emendat permezz ta' Regolament biex jiġi allinjat mal-emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta għal modifika tal-BAR għandha l-għan li tnaqqas ir-riżorsi allokati proviżorjament għall-BAR b'ammont ta' EUR 584 264 090, li huwa riallokat għal skopijiet oħra. It-tnaqqis ta' hawn fuq huwa espress fi prezzijiet attwali.

4. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-emendi proposti għandhom l-għan li jagħtu effett lir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP kif rifless fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 u ma għandhomx l-għan li jimmodifikaw l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar tar-Regolament li huwa propost li jiġi emendat.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta hija limitata għall-introduzzjoni ta' emendi mmirati għal Regolament eżistenti. Peress li għandha biss l-għan li tagħti effett lir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolamentr (UE, Euratom) 2020/2093, b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tagħha, qed jiġu proposti biss il-bidliet li ġejjin:

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1755 biex titnaqqas l-allokazzjoni proviżorja li jifdal li ssir disponibbli fl-2025 b'EUR 584 264 090 fi prezzijiet attwali u b'mod partikolari:

– Fl-Artikolu 4 il-paragrafu 3:

  – il-punt (b) huwa emendat biex iqis it-tnaqqis tal-ammont allokat proviżorjament li jifdal li għandu jsir disponibbli fl-2025;

  – jiżdied subparagrafu ġdid wara l-punt (b) biex jirrifletti l-konsegwenzi ta' dak it-tnaqqis.

2025/0289 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lill-Istati Membri skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[7],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[8],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], seħħew avvenimenti ġeopolitiċi bla preċedent, ikkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija li rriżultat u ż-żieda qawwija relatata fl-inflazzjoni u fir-rati tal-imgħax. Dawk l-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi ġabu emerġenzi ġodda li jenħtieġ li jiġu indirizzati biex jitwettqu l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet kondiviżi tal-Unjoni. B'kont meħud tal-kważi eżawriment tal-flessibbiltajiet baġitarji limitati u l-limiti milħuqa mill-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni, il-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[10] kellu jissaħħaħ għas-snin mill-2024 sal-2027 biex jipprevedi l-finanzjament li huwa l-aktar essenzjalment meħtieġ biex iwieġeb għal sfidi urġenti u komuni.

(2) F'dak l-isfond, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE, Euratom) 2024/765[11], li emenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 billi naqqas ir-riżorsi massimi stabbiliti f'dak ir-Regolament għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, li jagħmilha possibbli li jiġu riallokati għal finijiet oħra.

---

7 ĠU C , , p. .

8 ĠU C , , p. .

9 Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj).

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).

(3) Għalhekk, jenħtieġ li jitnaqqsu r-riżorsi massimi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit kif previst fir-Regolament (UE) 2021/1755. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-riżorsi diġà mħallsa lill-Istati Membri taħt ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u biex jiġi evitat li tiġi pperikolata l-implimentazzjoni fl-Istati Membri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], jenħtieġ li t-tnaqqis ma jaffettwax ir-riżorsi diġà mħallsa lill-Istati Membri bħala prefinanzjament u lanqas ir-riżorsi li l-Istati Membri talbu li jiġu ttrasferiti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom.

(4) Għalhekk, l-ammont ta' EUR 584 264 090 li għandu jitħallas f'konformità mal-Artikolu 12(3) ta' dak ir-Regolament fl-2025, jenħtieġ li ma jitħallasx u jenħtieġ li jitnaqqas mill-pakkett kumplessiv tar-riżerva.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1755 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/1755, il-paragrafu 3 hu emendat kif ġej:

1. fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) kwalunkwe ammont allokat proviżorjament li jifdal għandu jsir disponibbli fl-2025 skont l-Artikolu 12.";

2. jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-ammonti mhux trasferiti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mal-Artikolu 4a li jkunu dovuti li jitħallsu mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(3), ma għandhomx jitħallsu u għandhom jitnaqqsu mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[12] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3
1.3. Objettiv(i) 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4
1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6
1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 24
3.2.3,2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali 30
4.2. Data 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lill-Istati Membri taħt ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

16 Nefqa barra mil-limiti massimi annwali stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (l-Artikolu 16 02 03 ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (RAB))

30 Riżervi (l-Artikolu 30 04 03 Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (RAB))

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[13]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☒ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE, Euratom) 2024/765 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 bil-kunsens tal-Parlament Ewropew għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

Skont l-Artikolu 1(5) ta' dik l-emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, ir-riżorsi massimi allokati proviżorjament tal-BAR kif previst fir-Regolament (UE)

[13] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

2021/1755 tnaqqsu b'EUR 584 264 090. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni pendenti tal-BAR wara l-prefinanzjament imħallas lill-Istati Membri u t-trasferimenti lejn REPowerEU deċiżi mill-Istati Membri.

Għalhekk, jenħtieġ li jitnaqqsu r-riżorsi massimi tal-BAR kif previst fir-Regolament (UE) 2021/1755.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (ex post)

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☒ **durata limitata**

– ☒ fis-seħħ mill-1.1.2021 sal-31.12.2025

– ☒ impatt finanzjarju mill-2021 sal-2024 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2024 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

L-emendi proposti għandhom l-għan li jagħtu effett lir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP kif rifless fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 u ma għandhomx l-għan li jimmodifikaw l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar tar-Regolamenti li huma proposti li jiġu emendati.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.[14]	mill-pajjiżi tal-EFTA[15]	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[16]	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
Titolu 16: Nefqa lil hinn mil-limiti massimi annwali stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali	16 02 03 Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit(BAR)	Diff.	LE	LE	LE	LE
Titolu 30: Riżervi	30 04 03 Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit(BAR)	Diff.	LE	LE	LE	LE

[14] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[15] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[16] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-16 02 03 (BAR)/ 30 04 03 Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)

DĠ: REGIO			Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021-2027**
Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja 16 02 03/30 04 03	Impenji	(1a)		-584 264 090*			**-584 264 090***
	Pagamenti	(2a)		-584 264 090*			**-584 264 090***
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi							
Linja baġitarja		(3)					**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ REGIO	Impenji	=1a+1b+3	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**
	Pagamenti	=2 a+2b+3	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**

* Tnaqqis diġà implimentat fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali għall-2025.

			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
	Pagamenti	(5)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**
	Pagamenti	=5+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	"Nefqa amministrattiva"

DĠ: REGIO		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
•Riżorsi umani		0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
•Nefqa amministrattiva oħra		0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL DĠ REGIO	Approprjazzjonijiet	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7	Impenji	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**

			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
	Pagamenti	(5)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**
	Pagamenti	=5+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**

			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
	Pagamenti	(5)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <….>	Impenji	=4+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**

tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	=5+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**

			Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021-2027**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
	Pagamenti	(5)	0,000	-584264090	0,000	0,000	**-584264090**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**
	Pagamenti	=5+6	**0,000**	**-584264090**	**0,000**	**0,000**	**-584264090**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	"Nefqa amministrattiva"

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

DĠ: REGIO		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021-2027**
•Riżorsi umani		0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
•Nefqa amministrattiva oħra		0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL DĠ REGIO	Approprjazzjonijiet	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021-2027**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7	Impenji	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

3.2.2.

Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima m'għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6)						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[17]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[18]…																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

[17] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[18] Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi"

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL GĦALL-PERJODU 2021 - 2027
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal tal-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
TOTAL	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali tal-allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)					
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)		0	0	0	0
• Persunal estern (f'FTEs)					
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")		0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0

01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0
TOTAL	**0**	**0**	**0**	**0**

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	**Persunal addizzjonali eċċezzjonali***		
		Jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew mir-Riċerka	**Jiġi ffinanzjat mil-linja BA**	**Jiġi ffinanzjat mit-tariffi**
Pożizzjonijiet fil-pjan tal-persunal			M/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)				

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

TOTAL tal-approprjazzjonijiet Diġitali u tal-IT	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021 - 2027**
INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal tal-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
Barra mill-INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
TOTAL	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[19]			
		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**
Artikolu …….					

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Ir-riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit diġà hija inkluża fl-ippjanar tas-sistema ta' informazzjoni SFC2021. Din l-emenda ma tipproponi l-ebda bidla li taffettwa l-karatteristiċi diġà implimentati jew dawk ippjanati għar-rilaxx futur tal-SFC2021.

4.2. Data

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

[19] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.